Qorti tal-Appell Kriminali

Onor. Imħallef Consuelo Scerri Herrera, LL.D., Dip Matr., (Can)

Appell Nru: 23 / 2019

Il-Pulizja

Spettur Robert Vella

Vs

Edward Domnic Polidano

Illum 16 ta' Mejju, 2019,

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti kontra l-appellant, Edward Dominic Polidano detentur tal-karta tal-identita Maltija 231585M, akkuzat quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli:

Fis-26 ta' Frar, 2016, u fix-xhur ta' qabel, gewwa dawn il-Gzejjer Maltin, flimkien ma' persuna jew persuni ohra, b'diversi atti maghmulin minnu, ukoll jekk fi zminijiet differenti, li jiksru l-istess dispozizzjoni tal-Ligi, u li gew maghmula b'risoluzzjoni wahda, ikkommetta serq ta' kurrent elettriku ghad-dannu tal-Kumpanija maghrufa bhala 'GO' u/jew entita' jew entitajiet ohra, liema serq huwa kkwalifikat bil-persuna, bil-lok, bil-hin u bil-valur li kumplessivament jeccedi l-mitejn u tnejn u tletin Euro u erbgha u disghin centezmu (€233.94) izda ma tiskorrix l-ammont ta' elfejn tliet mija u disgha u ghoxrin Euro u sebgha u tletin centezmu (€2,329.37).

Il-Qorti giet wkoll mitluba sabiex fil-kaz ta' htija, barra milli tapplika l-piena skond il-Ligi, tordna lill-imputat ihallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra ta' l-esperti skond l-artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali ta' nhar il-21 ta' Jannar, 2019, fejn il-Qorti wara li rat l-artikoli 18, 42(d)(e), 261(d)(e) 268(a), 269(c) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, sabet lill-imputat hati ta' l-imputazzjoni migjuba kontra tieghu b'dan li instab hati ta' komplicita f'serq aggravat biss bil-persuna u lok u mhux bil-valur u l-hin mill-liema aggravji (ta' valur u hin) gie liberat, u ikkundannatu tlettax il-xahar prigunerija li b'applikazzjoni ta'l-artikolu 28A tal-Kapitolu 9 gew sospizi ghal perjodu ta' sentejn.

Il-Qorti spjegat lill-imputat fi kliem ordinarju l-import ta' din is-sentenza u x'jigri jekk jikkommetti reat iehor fiz-zmien prefiss.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant.

Rat l-atti kollha tal-kaz.

Rat ir-rikors tal-appell tal-appellant Edward Domnic Polidano, prezentat fir-registru ta' din l-Onorabbli Qorti nhar l-1 ta' Frar, 2019, fejn talab lil din l-Onorabbli Qorti sabiex joġgħobha tilqa dan l-appell, b'dan illi tirriforma s-sentenza appellata, billi tikkonferma dik il-parti fejn l-Ewwel Qorti lliberat lill-imputat, u tirrevoka, tħassar u tannulla dik il-parti tas-sentenza fejn sabitu ħati u minflok tilliberaħ minn kull ħtija u piena.

Illi strettament minghajr pregudizzju ghas-suespost, f'kaz li l-ewwel sentenza tigi kkonfermata, ghandha tigi imposta piena anqas harxa stante li fic-cirkostamnzi tal-kaz hija wahda pjuttost esagerata.

Rat **Illi l-aggravji tal-appellant huma ċari u manifesti u jikkonsistu fis-segwenti, u ċioe':**

**L-Ewwel Aggravju**

1. Illi rigward il-mertu ta' dan il-każ, il-Qorti ġiet ippreżentata bi provi kunflinġġenti, tant li jpoġġu dubju fuq min verament għadda dan il-*wire* għall-proprjeta` tas-Sur Schembri.

2. Illi l-*fraud prevention officer* tas-socjeta` de quo, s-Sinjura Charmaine Galea Triganza, fix-xhieda tagħha[1], xehdet hekk:

> ... allura jiena ikkonċentrajt bejn id-dsatax (19) ta' Frar u s-sitta u għoxrin (26) ta' Frar, min mar fuq il-post. U jekk kienx hemm nies illi marru fuq il-post, daħlu ġewwa u wkoll staqsejt hekk kellhomx jidħlu ġewwa jew le. U **in-nies li daħlu fuq il-post kienu Raymond Custo u Edward Polidano**, hemmhekk staqstejt, **ovjament naf li daħlu għax kelli l-swipe tal-card plus li rajthom mic-CCTV footage**[2][3]...

Illi s-Sinjura Galea Triganza, reġgħet xehdet nhar it-3 ta' Lulju tas-sena 2017[4] u ppreżentant żewġ dokumenti[5] li juru l-ħin li fih daħal l-appellant, u allura fejn is-socjeta` de quo assumiet li l-appellant kien reġa'qabbad il-plakka tal-*wire* li beda jissuplixxi d-dawl fil-proprjeta` tas-Sur Schembri;

3. Illi skont l-istess *fraud prevention officer*, l-unika nies li daħlu fis-*substation* tal-s-socjeta` de quo, f'dawk il-preċiżi dati[6], kienu s-Sur Raymond Custo u l-appellant. Pero' huwa hawn fejn l-Ewwel Qorti għamlet apprezzament ħażin tal-provi dedotti quddiemha, u dan għaliex skont l-istess dokument[7] jidher biċ-ċar li kien hemm diversi persuni oħra li aċċedew fuq il-post fid-dati li semmiet is-Sinjura Charmaine Galea Triganza;

4. Illi jekk wieħed janalizza dan id-dokument bir-reqqa jara li proprju fid-dati bejn id-19 ta' Frar u 29 ta' Frar kien hemm tlettax ir-ruħ, inkluż l-appellant li dahlu gewwa l-imsemmija *substation*. Illi huwa hawn li tqum il-mistoqsija, *allura kif nafu daqshekk b'ċertezza li kien proprju l-appellant li għadda l-wire u li reġa' waħħal il-plakka?* Ghas-sahha tal-argument, l-istess persuna li ġibed l-attenzjoni lid-dirigenti tas-socjeta` de quo, *ossia* is-Sur Emanuel Grech, bejn is-17 ta' Frar u 19 ta' Frar daħal tlett darbiet f'din is-*substation*, darbtejn

---

[1] Xhieda datata 10 t'April tas-sena 2017, a fol 17 sa fol 24 tal-proċess
[2] Enfażi tal-appellant
[3] Fol. 19 tal-proċess
[4] Xhieda tinstab a fol. 57-58 tal-proċess
[5] Dok CGT 1 u Dok CGT 2
[6] Mid-19 ta' Frar sas-26 ta' Frar
[7] Dok CGT 01

fis-17 ta' Frar f'temp ta' siegħa u darb'oħra fid-19 ta' Frar. Id-19 ta' Frar hi d-data li fiha, s-Sur Grech allegatament kien qala' l-imsemmija plakka;

5. Illi dan id-dokument, *ossia* Dok CGT 01, ixekkel għal kollox ix-xhieda tas-Sinjura Galea Triganza, meta, fuq il-pedana tax-xhieda u taħt ġurament qalet li *n-nies li daħlu fuq il-post kienu biss is-Sur Custo u l-appellant* u dan għaliex rathom bis-sistema tac-CCTV. Pero' s-Sinjura Galea Triganza, naqset milli tara lis-Sinjuri kif spjegat hawn, u cioe':

a. SSML Security 1 li daħal fl-20 ta' Frar fis-17.59, b'token number 15223538;
b. Borg Bartolo Anthony li daħal fil-21 ta' Frar fil-11.13, b'token number 34356449;
c. SSML Security 2 li daħal fit-22 ta' Frar fl-04.09, b'token number 60097544;
d. SSML Security 1 li daħal fit-22 ta' Frar fis-18.47, b'token number 15223538;
e. SSML Security 1 li daħal fit-23 ta' Frar fl-21.46, b'token number 15223538;
f. SSML Security 1 li daħal fl-24 ta' Frar fis-18.59, b'token number 15223538;
g. Pirotta Jason li daħal fis-26 ta' Frar fl-10.08, b'token number 44276789[8]:

Dawn huma l-persuni kollha li daħlu wara li daħal l-appellant, b'uħud minnhom daħlu iktar minn darba.

6. Illi meta jiġi analizzat dan kollhu joħroġ ċar li mhux veru li kien l-appellant biss li daħal f'din is-*substation*, iżda kien hemm diversi persuni oħra li setgħu, allegatament, għaddew il-*wire* u eventwalment reġgħu qabdu l-istess *wire*, wara li s-Sur Emmanuel Gauċi ġie ordnat biex jaqlagħha;

[8] Informazzjoni meħudha minn fuq id-dokument CGT 01

7. Illi ghalhekk jigi umilmemt rilevat, bid-dovut rispett lejn l-ewwel Qorti, li fil-kamp penali ghandhom jigu rispettati l-gradini tal-provi. L-ewwel Qorti qatt ma setghat issib htija fil-konfront tal-appellant fuq livell ta' provi li lanqas biss jasal sal-livell tal-probabbli. Lanqas jista' jinghad li kien xi *circumstancial evidence* li maghduda flimkien joholqu dak id-dubju dettat mir-raguni sabiex gudikant ihossu komdu li jsib htija.

**It-Tieni Aggravju**

1. Illi s-Sur Alexander Schembri huwa l-proprjetarju tal-fond li jinstab biswiet is-*substation* proprjeta` tas-socjeta` Go p.l.c, ossia r-razzett li fih allegatament inxteghlet il-bozza!

2. Illi permezz tas-sentenza fl-ismijiet Il-Pulizija (Spettur Robert Vella) v Alexander Schembri, moghtija mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) Bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali (per Maġistrat Dr Aaron M. Bugeja LL.D) fit-18 ta' Jannar tas-sena 2017, is-Sur Schembri instab ħati ta' serq ta' elettriku;

3. Illi a *tempo vergine* meta s-Sur Schembri ġie nterrogat mill-Pulizija, *ossia* nhar is-7 ta' Marzu tas-sena 2016 minn WPS 145 G. Zammit[9], l-istess Schembri ċaħad għal darba, darbtejn, li ma kienx jaf min hu l-persuna li għadda dan il-*wire* mertu għal dawn il-proċeduri kriminali. Tant kemm hu hekk li hu stqarr li:

> *... u li ġie kkumnikat b'kunsens tiegħu minn bniedem li ma jafx ta' sess maskili .... Alexander Schembri stqarr illi m'għandu l-ebda dettalji...*

4. Illi pero', nhar it-3 ta' Lulju tas-sena 2017, meta kien mħarrek sabiex jixhed[10] quddiem l-Ewwel Qorti, hemmhekk għaraf lill-appellant. Mhux talli għarfu iżda wkoll tenna jgħid li kienu ħbieb!;

[9] Fol 16 tal-proċess
[10] Fol 49 sa Fol 52 tal-proċess

5. Illi bla ebda dubju, x-xhieda tas-Sur Schembri kienet meqjusa bħala waħda t'importanza għax hu biss setgħa jgħid, iswed fuq abjad, min kien dak il-persuna ta' sess maskili, li għaddielu l-*wire*, iżda pero', li *a tempo vergine* ma kellhu l-ebda dettalji dwar min din il-persuna setgħet kienet;

6. Illi fuq dan il-punt isegwi li l-Ewwel Qorti ġiet ippreżentata b'xhieda kunfliġġenti li l-istess Qorti erronjament straħet, jew ibażżat parti mis-sentenza tagħha fuq dak li qal is-Sur Schembri, *ossia* li kien l-appellant li għadda l-*wire* għall-proprjeta` tieghu;

7. Illi ghalhekk anke in kwantu ghal dan l-aggravju, l-appellant ma seta' qatt jinstab hati tal-akkuzi kif dedotti fil-konfront tieghu.

**It-Tielet Aggravju**

1. Illi għal dan ir-reat li bih ġie akkużat l-appellant, *ossia* s-serq tad-dawl, il-liġi nostrana, preċiżament artikolu 544 tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, titlob li trid tiġi ppreżentanta kwerela mill-parti offiża;

2. Illi l-ġurisprudenza tagħna, f'diversi sentenzi, fosthom dik li ġiet ċitata mill-Ewwel Qorti fis-sentenza tagħha[11], teżiġi li kwerela bil-fomm hi wkoll aċċetta. Iżda b'kull dovut rispett lejn l-Ewwel Qorti, l-istess Qorti ma daħħlitx fir-rekwiżiti tal-kwerela bil-fomm, iżda daħlet fit-tifsira tal-kelma *ukoll*. Definizzjoni li ma kienx hemm bżonn għax mhux qiegħed jiġi kontestat il-fatt li l-kwerela tista' ssir bil-fomm;

3. Illi dak li qieghed jigi kkontestat f'dan l-aggravju huwa proprju l-fatt li tali kwerela ma saretx in konformi ma dak li titlob il-liġi nostrana u kien hawn fejn il-Qorti ghamlet interpretazzjoni zbaljata fid-deċiżjoni tagħha stante li ma

[11] A fol 6 tas-sentenza

ħaditx in konsiderazzjoni l-*proviso* tal-artikolu 537, tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, li jistipula s-segwenti, u cioe':

> Iżda, meta d-denunzja ssir **bil-fomm**, hija għandha, ħlief fil-każijiet li ma jkunux iridu dewmien, titniżżel bil-miktub minnu fih u għandha tiġi **iffirmata mid-denunzjant**[12], jew, jekk dan ma jkunx jaf jikteb, mill-uffiċjal tal-Pulizija li jkun hekk niżżilha bil-miktub

4. Illi għalhekk skont dan il-*proviso*, is-socjeta' de quo, ergo rapprezentanti taghha, kellhom jiffirmaw id-denunzja li għamlu huma stess. Fl-ebda fażi tal-kawża jew fil-proċess dan ma sehh jew jirrizulta. Għalhekk jidher anke li dan il-fatt sfuġġa għal kollox lill-Ewwel Qorti;

5. Illi fuq dan il-punt, il-Qorti ta' l-Appell Kriminali, ppreseduta mill-Imħallef Emeritus Dr Joseph Galea Debono LL.D fl-ismijiet Il-Pulizija (Spt. Stephen J.Gatt) vs Paul Camilleri[13], l-istess Qorti ta' l-Appell saħqet illi:

> ... Jirrizulta ukoll li din il-kwerela bil-fomm tnizzlet bil-miktub mill-ufficjal tal-Pulizija li rceviha tant li tidher fl-okkorrenza li saret minn PS 1102 Robert Everest. **Li ma jirrizultax pero' hu li din il-kwerela giet b' xi mod jew f' xi stadju ffirmata mill-kwerelant kif jirrikjedi l-artikolu 537 tal-Kodici Kriminali**[14].

In vista ta' dan, il-Qorti fis-sentenza tagħha kompliet tgħid:

> *Ghalhekk jidher li taħt kull aspett in-nuqqas tal-prosekuzzjoni li tesiġi l-kwerela tal-Korporazzjoni Enemalta qabel ma pproċediet b' dan il-każ fit-18 ta' Mejju, 2006, ma jistax jiġi sanat u* ***ergo l-proċeduri li nbdew kontra l-appellant ma setgħux isiru w konsegwentement huma nulli***[15].
>
> *Għalhekk l-ewwel aggravju tal-appellant jimmerita li jiġi milqugħ u konsegwentement din il-Qorti ma għandhiex għalfejn tiddeċiedi dwar it-tieni aggravju li jirrigwarda l-apprezzament tal-provi w l-mertu.*

---

[12] Emfażi tal-appellant
[13] Deċiża nhar it-12 ta' Frar tas-sena 2009, Appell Kriminali Numru. 275/2008
[14] Emfażi tal-appellanti
[15] ibid

6. Il-Qorti ta' l-Appell Kriminali, fuq kwistjoni identika għal dan l-appell, illiberat lill-akkużat Camilleri, *stante* li l-Prosekuzzjoni ma provditx il-kwerela kif tisħaq il-liġi nostrana. Dan ifisser li għalkemm kwerela tista' ssir bil-fomm, din trid tiġi ffirmata, li f'dan il-każ kellha tiġi ffirmata mir-rappreżentanti tal-socjeta` oderna, *ossia* il-kwerelanti;

7. Illi jiġi umilment rilevat li anke fuq dan il-punt ta' liġi l-Ewwel Qorti għamlet applikazzjoni ħażina tal-liġi, u għalhekk kellha tgħaddi biex tididkjara dawn il-proċeduri bħala nulli u bla effett.

**Ir-Raba' Aggravju**

1. Illi l-liġi nostrana ma tagħtix definizzjoni in iskritt ta' x'inhu serq u minħabba f'hekk il-Qrati tagħna jirrikoru għad-definizjoni ta' Carrara u ċioe': *la contratazione dolosa della cosa altrui, fatta invito domino* ***con anime di farne lucro***[16].

2. Illi kif ġie ritenut mill-Qrati tagħna, l-intenzjoni li jsir xi qliegħ hi wahda mill-elementi kostituttivi tar-reat ta' serq. Dan hekk kif ġie ritenut mill-Qorti tal-Appell Kriminali, ippreseduta mill-Imħallef Emeritus Dr Joseph Galea Debono, fl-ismijiet: Il-Pulizija (Spettur P. Bond) vs John Galea u Paul Galea[17], fejn il-Qorti daħlet fl-aspett ta' *anime lucrandi* u ritenit illi:

> *... l-intenzjoni li tagħmel xi qliegħ tikkostitwixxi l-intenzjoni speċifika tar-reat tas-serq. L-element intenzjonali ta' dan ir-reat ma jikkonsistix biss fl-intenzjoni li wieħed jieħu l-oġġett,* ***imma ukoll li dan isir bl-intenzjoni li jsir xi qliegħ****. Kif jgħid il-CARRARA [op.cit. Vol. IV, para. 2035:- "il dolo specifico del furto consiste nell'intenzione di procurarsi un godimento o piacere qualunque coll'uso della cosa altrui." u "per lucro qui non s'intende un' effettiva locupletazione ma* ***qualsiasi vantaggio o soddisfazione procurata a se stesso****.*

[16] Emfazi tal-appellant
[17] Deċiża nhar it-30 ta' Jannar tas-sena 2013, Appell Kriminali Nru: 243/2002

3. Illi f'dan il-każ in eżami, jidher biċ-ċar li l-appellant ma għamel l-ebda profit jew qligh, u sahansitra **l-ebda *godiment***, kemm f'dak monetarju u lanqas dak f'xi gwadan għall-użu personali. Tali jirriżulta mix-xhieda tas-Sinjur Alexander Polidano stess, sid il-kamra ta' fejn instab il-*wire*, fejn fix-xhieda tiegħu qal li:

   > ... Hu mingħajr kunsens ta' xejn jiġifieri la qatt talabni flus u qatt ma'qalli xejn. Għamilha bi pjaċir lili. Jien offrieli u jiena aċċettajt ...[18]

4. Illi *jidher* allura li kien ghalhekk li l-appellant ma nstabx hati tar-reat ta' serq imma instab hati bhala komplici. Li wiehed ma jistax jifhem huwa kif tista' persuna tinstab hatja ta' komplici f'reat fejn l-istess Qorti ma sabitux hati tal-istess reat li proprju jikkostitwixxi l-istess elementi kostituttivi;

5. Illi ghalhekk fuq punt ta' ligi, bid-dovut rispett l-Ewwel Qortri qatt ma setghat issib lill-appellant hati ta' komplicita ghar-reat ta' serq, meta proprju hemm element krucjali nieqes, ossia dak tal-gwadan. Qieghda tintuza l-kelma 'gwadan' b'mod akkademiku u intenzjonat, proprju ghaliex anke kieku ghas-sahha tal-argument l-appellant kien komplici kif qalet l-Ewwel Qorti, fl-ebda hin m'ghamel xi forma ta' gwadan - lanqas *de minimis*. B'analogija, wiehed jista' jsemmi l-kwistjoni tal-'*impossible attempt*', fejn persuna qatt ma tista' tinstab hatja ta' reat li kien impossibli li jsehh;

6. Illi *in finis*, u fuq l-iskorta tal-principji elenkati f'dan l-umili appell, bis-sahha ta' dan l-aggravju biss l-Ewwel Qorti qatt ma setghet issib htija fil-konfront tal-appellant, ahseb u ara htija in kwantu ghar-reat ta' komplicita`.

Ikkunsidrat;

Illi l-partijiet fis-seduta tal-hamsa u ghoxrin (25) ta' April tas-sena elfejn u dsatax (2019) quddiem din il-Qorti qablu li tinghata sentenza limitatament ghat-tielet (3) aggravju '*stante li l-kwerela esebita ma gietx iffirmata mill-kwerelanti.*'

---

[18] Xhieda ta' Alexander Schembri, datata 3 ta' Lulju tas-sena 2017, fol 50-51 tal-proċess.

Fit-tielet (3) aggravju, l-appellant jissottometti li ghar-reat li bih gie akkuzat ossia s-serq tad-dawl, il-ligi precizament l-artikolu 544 tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta titlob li trid tigi pprezentata kwerela mill-parti offiza.

L-appellant jissottometti li ghalkemm fil-gurisprudenza fosthom dik citata mill-Ewwel Qori, tezigi li kwerela bil-fomm hi wkoll accettata, il-Qorti izda ma dahhlitx fir-rekwiziti tal-kwerela bil-fomm izda dahlet fit-tifsira tal-kelma "ukoll". Definizzjoni li ma kienx hemm bzonn ghax mhux qieghed jigi kontest il-fatt li l-kwerela tista' ssir bil-fomm. Dak li qieghed jigi kkontest f'dan l-aggravju huwa l-fatt li tali kwerela ma saritx in konformi ma dak li titlob il-ligi u kien hawn fejn il-Qorti skont l-appellant ghamlet interpretazzjoni zbaljata fid-decizjoni taghha stante li ma haditx in konsiderazzjoni l-proviso tal-artikolu 537 tal-Kodici Kriminali. Skont dan il-proviso, is-socjeta', ergo rapprezentanti taghha, kellhom jiffirmaw id-denunzja li ghamlu huma stess. Jirrizulta izda li fl-ebda fazi tal-kawza jew fil-process dan ma sehh jew jirrizulta. L-appellant ghamel referenza ghas-sentenza fl-ismijiet '**IL-Pulizija (Spt. Stephen J. Gatt) vs Paul Camilleri**'[19] li din il-Qorti sejra tikkunsidra aktar il-quddiem li hija skont l-appellant identika ghal dan l-appell. Jemfasizza li ghalkemm kwerela tista' ssir bil-fomm, meta titnizzel bil-kitba, din trid tigi ffirmata mill-kwerelanti.

Ghalhekk skont l-appellant, fuq dan il-punt ta' ligi l-Ewwel Qorti ghamlet applikazzjoni u interpretazzjoni hazina tal-ligi u ghalhekk kellha tghaddi biex tiddikjara dawn il-proceduri bhala nulli u bla effett.

Din il-Qorti sejra tibda billi tikkunsidra l-imputazzjoni li taghha l-appellant gie akkuzat. Sussegwentement sejra tikkunsidra d-disposizzjonijiet tal-ligi rigwardanti l-htiega tal-kwerela f'dawn il-kazijiet umbghad tghaddi biex taghmel referenza ghal gurisprudenza u ghal provi sabiex tiddetermina jekk in-nuqqas li tigi ffirmata l-kwerela twassalx ghan-nullita' tal-proceduri.

Ikkunsidrat;

[19] Deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali fit-12 ta' Frar, 2009 (Appell Kriminali Numru: 275/2008)

Illi l-appellant gie akkuzat '*talli fis-26 ta' Frar, 2016, u fix-xhur ta' qabel, gewwa dawn il-Gzejjer Maltin, flimkien ma' persuna jew persuni ohra, b'diversi atti maghmulin minnek, ukoll jekk fi zminijiet differenti, li jiksru l-istess disposizzjoni tal-ligi, u li gew maghmula b'risoluzzjoni wahda, ikkommettejt serq ta' kurrent elettriku ghad-dannu tal-Kumpanija maghrufa bhala 'GO' u/jew entita' jew entitajiet ohra, liema serq huwa kkwalifikat bil-persuna, bil-lok, bil-hin u bil-valur li kumplessiament jeccedi l-mitejn u tnejn u tletin euro u erbgha u disghin centemzu (€233.94) izda ma jiskorrix l-ammont ta' elfejn tliet mija u disgha u ghoxrin ewro u sebgha u tletin centezmu (€2,329.37); u dan bi ksur tal-Artikoli 18, 261(c)d)(e)(f), 267, 268, 269, 270, 279(a), 280 u 281tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.*'

L-artikolu 544 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta fid-data msemmija fl-akkuza u cioe' '*fis-26 ta' Frar, 2016, u fix-xhur ta' qabel*' kien jaqra:

'*Ma jistgħux isiru proċeduri kriminali, ħlief fuq talba tal-parti privata, f'ebda wieħed mill-każijiet li ġejjin:*

*(a) stupru vjolent;*

*(b) serq ta' persuna;*

*(ċ) attentat vjolent għall-pudur;*

*(d) serq ta' elettriku u reati taħt l-artikolu 326(1)(ċ), (e) u (f);*

*Iżda, meta xi wieħed minn dawn id-delitti jsir bi vjolenza pubblika, vjolenza domestika kif mfissra fl-artikolu 2 tal-Att dwar Vjolenza Domestika, jew flimkien ma' reat iehor li jolqot l-ordni pubbliku, l-azzjoni kriminali titmexxa indipendentement mill-azzjoni tal-parti privata:*

*Iżda wkoll meta fil-każ ta' delitt li jsir bi vjolenza domestika l-azzjoni kriminali tkun tmexxiet indipendentement mill-azzjoni tal-parti privata, id-disposizzjonijiet tat-tieni proviso tal-artikolu 543(e) għandhom japplikaw ukoll għal dak il-każ.*'

L-artikolu 544 illum jaqra:

'*Ma jistgħux jinbdew proċeduri kriminali, ħlief fuq talba tal-parti privata f'każ ta' serq ta' elettriku u reati taħt l-artikolu 326(1)(ċ), (e) u (f).*'

Dwar x'ghandu jkun fiha denunzja, l-artikolu 536 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta jaqra li:

'*Id-denunzjant għandu jfisser ċar il-fatt bl-irqaqat kollha tiegħu, u għandu jagħti, kemm jista' jkun, dawk il-partikularitajiet kollha meħtieġa li jaċċertaw ir-reat, li jistabbilixxu x-xorta tiegħu kif ukoll li juru min huma l-awturi u l-kompliċi.*'

Filwaqt li l-artikolu 537 jipprovdi li:

'*Id-denunzja tista' ssir bil-fomm jew bil-miktub:*

*Iżda, meta d-denunzja ssir bil-fomm, hija għandha, ħlief fil-każijiet li ma jkunux iridu dewmien, titniżżel bil-miktub minnu fih u għandha tiġi iffirmata mid-denunzjant, jew, jekk dan ma jkunx jaf jikteb, mill-uffiċjal tal-Pulizija li jkun hekk niżżilha bil-miktub.*'

L-artikolu 538 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta umbghad jipprovdi li:

'*Kull persuna li jidhrilha li hi offiża b'reat u tkun trid tagħmel kwerela għall-kundanna tal-ħati, jekk magħruf, jew, jekk mħux magħruf, fil-każ li jinkixef, tista' tagħmel din il-kwerela lil kull uffiċjal tal-Pulizija, ukoll b'ittra.*'

Jirrizulta li ma giet prezentata l-ebda kwerela izda gie prezentat Current Incident Report a fol 13 et sequitur immarkat bhala Dok. GZ1. Dan ir-rapport gie prezentat minn WPS 145 Graziella Zammit fis-seduta tal-ghaxra (10) ta' April tas-sena elfejn u sbatax (2017). F'dan ir-rapport dettaljat tnizzel dak li rraputaw il-kwerelanti f'isem il-Kumpanija GO. Tnizzel ukoll l-azzjoni li ttiehdet mill-Pulizija dwar dan ir-rapport. Ghalkemm it-tarf ta' kull pagna ta' dan ir-rapport fiha bhal firma u tirrizulta wkoll il-firma tad-Deputat Registratur fuq it-timbru bid-dettalji tal-prezentata ta' dan ir-rapport, minn imkien ma jirrizulta li dan ir-rapport gie ffirmat mill-kwerelanti.

Fis-seduta tat-tnejn u ghoxrin (22) ta' Jannar tas-sena elfejn u tmintax (2018) Charmaine Galea Triganza ghan-nom tas-socjeta' GO prezentat dokument intitolat '*Chronology of Events re Irregularities with Electricity at Wied Rini Transmission Station*.'

In rapprezentanza tas-socjeta' GO xehdu wkoll Ingrid Azzopardi, internal auditor tal-GO plc li xehdet fit-tlieta (3) ta' Lulju tas-sena elfejn u sbatax (2017) li skont ma jirrizulta mir-rapport kienet wahda mill-persuni li rraportat, Oliver Bonnici li xehed fl-istess seduta li huwa Senior Manager l-Administration li ukoll kien wiehed mill-persuna li rrapporta lil Puliizja , Emanuel Gauci fis-seduta tad-disgha (9) ta' Ottubru tas-sena elfejn u sbatax (2017) li jahdem parti mill-Power section tal-GO kif ukoll Noel Cachia fit-tnejn u ghoxrin (22) ta' Jannar tas-sena elfejn u tmintax (2018) manager fid-dipartiment tat-technical. Xehed ukoll Raymond Custo' fis-seduta tat-tlieta (3) ta' Lulju tas-sena elfejn u sbatax (2017) li jahdem fil-Facilities and Maintenance unit u li kien gie mkellem mill-Pulizija dwar meta mar gewwa Wied Rini.

Gialadarba jirrizulta li ma gietx ipprezentata kwerela u li anke jekk ir-rapport tal-Pulizija ghandu jigi kkunsidrat bhala li l-kwerela li saret bil-fomm tnizzlet bil-miktub fir-rapport, dan ir-rapport xorta wahda m'huwiex iffirmat mill-kwerelanti, din il-Qorti ghalhekk sejra tghaddi biex tikkunsidra jekk dan in-nuqqas iwassalx ghan-nullita' tal-proceduri.

Ikkunsidrat;

L-appellant in sostenn tat-tielet aggravju, jaghmel referenza ghas-sentenza fl-ismijiet **<u>'Il-Pulizija (Spt. Stephen J. Gatt) Vs Paul Camilleri'</u>**[20] fejn gie kkunsidrat:

*'Illi fil-waqt li originarjament dawn ir-reati kienu prosegwibbli mill-Pulizija ex officio, bl-introduzzjoni tal- artikolu 283A u bl-emendi introdotti bil-proviso ghall- artikolu 326 (1) tal-Kodici Kriminali, ghar-reati in dizamina, bl-Att XXII tas-sena 2005, ma jista' jittiehed ebda procediment jekk mhux bil-kwerela tal-parti offiza, f' dan l- kaz ovvjament l-Enemalta Corporation. Hu ovvju ghalhekk li, in vista ta' dawn l-emendi, kienet mehtiega l-kwerela tal-parti offiza biex il-Pulizija setghet tipprocedi kontra l- appellant, f' Mejju, 2006.*

*Illi fl-atti processwali ma hemm ebda kwerela formali bil- miktub iffirmata minn xi ufficjal awtorizzat tal-Enemalta Corporation jew xi avukat ghan-nom taghha. Pero' ma hemmx*

[20] Deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali fit-12 ta' Frar, 2009 (Appell Kriminali Numru: 275/2008)

*dubju li kwerela bil-fomm saret meta Mario Cassar ghamel denunzja verbali lill-Pulizija, liema denunzja tinsab inkorporata bid-dettalji kollha fl-okkorrenza imsemmija. Ma hemmx dubju li l-vot tal-ligi kif indikat fl-artikolu 536 ghal dak li jirrigwarda l-kontenut tad-denunzja - w estizi ghall- kwerela bl-artikolu 539 - gie rispettat meta Cassar ghamel id-denunzja tieghu lill-Pulizija, ghaliex l-okkorrenza turi li gew imfissra car il-fatti bl-irqaqat u partikolaritajiet kollha mehtiega li jaccertaw ir-reat, li jistabilixxu x-xorta tieghu kif ukoll li juru min hu l-awtur jew il-komplici fid-delitt. Tant li bhala "Suspect No:1" kien gie proprju indikat l-appellant odjern. Dana kollu gie traskritt fl-okkorrenza. Jirrizulta ukoll li din il-kwerela bil-fomm tnizzlet bil-miktub mill- ufficjal tal-Pulizija li rceviha tant li tidher fl-okkorrenza li saret minn PS 1102 Robert Everest. Li ma jirrizultax pero' hu li din il-kwerela giet b' xi mod jew f' xi stadju ffirmata mill-kwerelant kif jirrikjedi l-artikolu 537 tal-Kodici Kriminali.*

*Jidher li dan in-nuqqas sfugga ghal kollox lill- Prosekuzzjoni meta wara tant snin w wara li kienet inbidlet il-ligi bl-Att XXII tal-2005, fl-ahhar ipprezentat c-citazzjoni quddiem l-Ewwel Qorti.*

*Illi f' dan il-kaz ma hux applikabbli s-subartikolu (5) tal- artikolu 390 ghax il-kawza sa mill-bidu nett tmexxiet bi procedura sommarja fuq talba tal-Avukat Generali (Fol.4) u ghalhekk ma saritx kumpilazzjoni.*

*Jibqa' pero' jigi konsidrat jekk l-atti processwali jistghux jigu salvati jew sanati bl-applikazzjoni tal-proviso ghall- artikolu 373 li jiddisponi li fil-kazijiet li jaqghu taht il-kompetenza ordinarja tal-Qorti tal-Magistrati bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali skond l-art. 370, meta l-offiz ma jkunx mexxa l-azzjoni kriminali w ma jkunx espressament irrinunzja ghaliha fi zmien erbat ijiem minn dak in-nhar li jkun sar ir-reat, il-Pulizija Ezekuttiva tista' tmexxi l-azzjoni ex officio dwar dak ir-reat.*

*Ir-risposta ghal dan il-kwezit jaghtiha b' mod car l-artikolu 283A li jghid li ghar-reat ta' serq ta' elettriku ma jittiehed ebda procediment jekk mhux bil-kwerela tal-parti offiza* ***<u>wkoll meta</u>*** *r-reat ikun ta' kompetenza tal-Qorti tal- Magistrati skond dak li jipprovdi l-artikolu 370 (1) u l-offiz* ***<u>ma jkunx irrinunzja espressament ghall-azzjoni fi zmien erbat ijiem minn dakinhar li jkun sar ir-reat</u>****. Dan l-artikolu sahansitra jkompli jghid :-* ***<u>"Id-dispozizzjonijiet ta' dan l-artikolu ghandhom japplikaw minkejja kull haga li jinghid fil-proviso ta' l-artikolu 373."</u>*** *(sottoliear ta' din il-Qorti)*

*Ghalhekk jidher li taht kull aspett in-nuqqas tal- prosekuzzjoni li tesigi l-kwerela tal-Korporazzjoni Enemalta qabel ma pprocediet b' dan il-kaz fit-18 ta' Mejju, 2006, ma jistax jigi sanat u ergo l-proceduri li nbdew kontra l-appellant ma setghux isiru w konsegwentement huma nulli.'*

Minn naha l-ohra, l-Avukat Generali ghamel referenza ghas-sentenza fl-ismijiet **'Il-Pulizija v. Lewis Cordina'**[21] fejn ghalkemm il-kawza ma kinitx tirrigwarda serq ta' elettriku, il-Qorti kienet ddeciediet:

'*kienet korretta d-decizjoni tal-abbili Magistrat (tal-15 ta' April, 2004, fol. 46, 47) li rriteniet li wiehed irid ihares lejn id-data meta nbeda l-procediment penali bil-hrug tac-citazzjoni, data meta, fir-rigward tar-reat ipotizzat fl-ewwel imputazzjoni, ma kienx hemm il-htiega ta' kwerela jew awtorizzazzjoni izda l-pulizija setghu imexxu ex officio. Konsegwentement din il-Qorti qed tirrespingi l-ewwel aggravju ta' l-appellant.*'

L-Ewwel Qorti fis-sentenza appellata ghamlet referenza ghas-sentenza fl-ismijiet **'Il-Pulizija vs Anthony Sammut John Mary Vella'**[22] fejn il-kawza ma kinitx tirrigwarda serq ta' elettriku izda kien gie kkunsidrat:

'*Dwar l-ewwel imputazzjoni pero` jghid preliminarjament illi fl-atti ma giet ipprezentata l-ebda kwerela kif rikjest mill- proviso tas-subartikolu (d) ta' l-artikolu 328 tal-Kodici Kriminali u ghalhekk ma setghux jittiehdu proceduri kontra tieghu. Din il-Qorti ma taqbilx. Filwaqt li huwa minnu li ma gietx ipprezentata kwerela bil-miktub, jirrizulta illi saret kwerela (anzi saru kwereli) bil-fomm kif jirrizulta mill- okkorrenza Dok. NS1 a fol. 14 sa 17 tal-process. L- artikolu 538 tal-Kodici Kriminali jipprovdi li: **"Kull persuna li jidhrilha li hi offiza b'reat u tkun trid taghmel kwerela ghall-kundanna tal-hati, jekk maghruf, jew, jekk mhux maghruf, fil-kaz li jinkixef, tista' taghmel din il-kwerela lil kull ufficjal tal-Pulizija, ukoll b'ittra"** (sottolinear ta' din il-Qorti). Il-kelma "ukoll" tfisser li hemm mezzi ohrajn ta' kif tista' ssir kwerela. Mela l-kwerela bil- fomm mhijiex eskluza. Difatti s-subartikolu (3) ta' l-artikolu 390 tal-Kodici Kriminali jipprovdi: **"Meta ma jistghux jinfethu proceduri kriminali hlief bit-talba tal-privat, l- imputat jista', ukoll qabel l-ezami tieghu, jitlob li tingieb il-kwerela, jekk din tkun saret bil-miktub, inkella li jingiebu provi ohra ta' dik il-kwerela, jekk din tkun saret bil-***

[21] Deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali fil-21 ta' Jannar, 2005 (Appell Numru: 145/04 (G))
[22] Deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali fid-9 ta' Gunju, 2010 (Appell Kriminali Numru: 275/2007)

***fomm"*** *(sottolinear ta' din il-Qorti). F'dan il- kaz il-kwerelanti xehdet quddiem l-ewwel Qorti u regghet xehdet quddiem din il-Qorti. Inoltre xehdu l-Ispettur Martin Sammut u P.S. 1244 Nicolai Sant li kkonfermaw dak li marret "tirrapporta" l-kwerelanti.*

*Ghalhekk dan l-ilment ta' l-appellant Vella huwa michud.'*

Fis-sentenza fl-ismijiet **'Il-Pulizija v. Emanuel Fava'**[23] gie kkunsidrat:

*'Permezz ta' l-ewwel aggravju l-appellant jghid fl-ewwel lok illi skond l-artikolu 203(3) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, procediment ghad-delitt ta' korruzzjoni ta' minorenni jittiehed biss bil-kwerela tal-parti offiza. Jirreferi ghall- artikoli 542, 538, 539 u 537 ta' l-istess Kap. 9 u jikkonkludi li fil-kaz odjern il-kwerela hi monka ghax saret mill-Avukat Dr. Tonio Azzopardi, cioe` minn persuna li mhijiex wahda mill-persuni msemmija fl-artikolu 542, u ghaliex il-kwerela mhijiex iffirmata mill-genituri ta' N. G. kif tassattivament jirrikjedi l-artikolu 537. L-appellant izid jghid ukoll illi l- kwerela esebita hija kopja u inoltre li l-proceduri kontra l- appellant mhumiex salvabbli taht l-artikolu 373 tal-Kap. 9.*

*Bhalma josserva l-appellant, l-artikolu 539 tal-Kap. 9 jipprovdi li l-artikolu 537 jghodd ukoll ghall-kwereli. L- artikolu 537 jipprovdi li d-denunzja lill-Pulizija, mela anke l- kwerela, tista' ssir bil-fomm jew bil-miktub. Il-proviso jipprovdi ghal dak li jigri meta persuna tmur ghand il- Pulizija sabiex taghmel denunzja jew kwerela, cioe` li l- Pulizija li lilu l-kwerelant ikun qieghed ikellem, ghandu "hlief fil-kazijiet li ma jkunux iridu dewmien", inizzel bil- miktub minnufih il-kwerela li "ghandha tigi iffirmata mid- denunzjant, jew, jekk dan ma jkunx jaf jikteb, mill-ufficjal tal-Pulizija li jkun hekk nizzilha bil-miktub." Huwa ovvju ghalhekk li kwerela bil-miktub tista' tigi ppreparata u ffirmata mill-avukat tal-kwerelant minghajr il-htiega li dik il- kwerela miktuba tigi ffirmata wkoll mill-kwerelant. Barra minn hekk, nonostante li giet esebita kopja biss tal- kwerela, jirrizulta li meta D. G., missier il-minorenni, xehed fid-9 ta' Jannar 2002 huwa sostna l-kwerela*[24]*. U meta N. G. ottjeniet l-eta` ta' tmintax-il sena fil-mori tal-kawza, fis- seduta tat-12 ta' Settembru 2005 hija sostniet il-kwerela, u baqghet hekk issostniha. Ghalhekk l-ewwel aggravju huwa michud.'*

Fis-sentenza fl-ismijiet **'Il-Pulizija v. Giuseppe Calleja'**[25] gie kkunsidrat:

---

[23] Deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali fid-29 ta' Settembru, 2010 (Appell Kriminali Numru: 152/2010)
[24] A fol. 11 (Din ir-referenza tinsab fl-ewwel (1) nota ta' qiegh il-pagna fis-sentenza citata)
[25] Deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali fl-1 ta' Marzu, 2017 (Appell numru: 453/2013 DS)

*'7. Issa f'dan il-każ f'ebda stadju ma ġiet preżentata xi kwerela f'forma ta' dokument – la da parti tal-minuri u lanqas da parti tal-ġenituri tagħha jew ta' xi ħadd ieħor kif provvdut fl-Artikolu 542 tal-Kodiċi Kriminali. Dan il-fatt per se, pero`, ma jfissirx li ma kienx hemm kwerela – ġaladarba l-każ beda quddiem il- Qorti Istruttorja kien applikabbli s-subartikolu (5) ta' l-artikolu 390 tal-Kap 9 li jipprovdi li "jekk matul il-kumpilazzjoni l-imputat ma jitlobx u l-qorti ex officio ma tordnax il-prova tal-kwerela, din il-kwerela titqies li saret skond il-liġi". Fil- fatt minn eżami li din il-Qorti għamlet ta' l-atti, minn imkien ma jirriżulta li l- appellant (allura imputat) talab li ssir il-prova tal-kwerela. U minn imkien ma jirriżulta li l-ewwel Qorti ordnat li ssir tali prova. Di piu`, kif tajjeb osservat l- ewwel Qorti fis-sentenza tagħha, "fil-mument li A għażlet li hija trid tixhed f'dawn il-proċeduri kontra l-imputat u tkellmet mal-Pulizija dwar dak li kien ġara allura kien fid-dover tal-Pulizija li tmexxi kontra l-imputat".'*

F'dan ir-rigward, din il-Qorti taghmel referenza ghall-artikolu 390(5) tal-Kapitolu 9 li jipprovdi:

*'Jekk, matul il-kompilazzjoni, l-imputat ma jitlobx u l-qorti ex officio ma tordnax il-prova tal-kwerela, din il-kwerela titqies li saret skont il-liġi.'*

Dan l-ahhar artikolu u cioe' l-artikolu 390(5) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta ma japplikax ghal kaz odjern stante li ma saritx kumpilazzjoni fil-proceduri odjerni. Filfatt skont ma jirrizulta a fol 4, l-Avukat Generali kien ta' l-kunsens tieghu sabiex dan il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja. Filwaqt li skont ma jirrizulta a fol 8, l-appellant ma kellux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja. Fl-artikolu 373 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta jinghad li:

*'Fir-reati msemmijin fl-artikolu 370(1), l-eżerċizzju tal-azzjoni kriminali jmiss lill-offiż jew għalih lill-persuni msemmijin fl-artikolu 542, meta l-azzjoni kriminali ma tistax titmexxa ħlief bi kwerela tal-offiż:*
*Iżda, meta r-reat li għalih l-azzjoni kriminali ma tistax titmexxa ħlief bi kwerela tal-offiż, ikun sar bi vjolenza pubblika jew flimkien ma' reat ieħor li jmiss l-ordni pubbliku, jew meta, bla ma jkun hemm ebda waħda minn dawn iċ-ċirkostanzi, l-offiż ma jkunx mexxa l-azzjoni kriminali u ma jkunx irrinunzja espressament għaliha fi żmien erbat ijiem minn dak in-nhar li jkun sar ir-reat, il-Pulizija Eżekuttiva tista' tmexxi l-azzjoni ex officio dwar dak ir-reat.'*

Dan l-ahhar artikolu u cioe' l-artikolu 373 huwa inapplikabbli minhabba l-artikolu 283A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta jipprovdi:

'*Għar-reat ta' serq ta' elettriku ma jittieħed ebda proċediment jekk mhux bil-kwerela tal-parti offiża wkoll meta r-reat ikun ta' kompetenza tal-Qorti tal-Maġistrati skont dak li jipprovdi l-artikolu 370(1) u l-offiż ma jkunx irrinunzja espressament għall-azzjoni fi żmien erbat ijiem minn dakinhar li jkun sar ir-reat. Id-dispożizzjonijiet ta' dan l-artikolu għandhom japplikaw minkejja kull ħaġa oħra li jingħad fil-proviso tal-artikolu 373.*' (Sottolinear mizjud minn din il-Qorti)

Ikkunsidrat;

Jirrizulta li sabiex il-proceduri odjerni setghu jinbdew, kien hemm il-htiega tal-kwerela tal-kwerelanti. Jirrizulta li l-kwerela tista' ssir kemm bil-fomm kif ukoll bil-miktub, u li meta ssir bil-fomm, din ghandha titnizzel bil-miktub u tigi ffirmata mill-kwerelanti. L-appellant jaghmel referenza ghas-sentenza fl-ismijiet **'Il-Pulizija (Spt. Stephen J. Gatt) Vs Paul Camilleri**[26] u jissottometti li jehtieg li meta l-kwerela li tkun saret bil-fomm titnizzel bil-miktub din tehtieg il-firma *sine qua non* u ghalhekk f'kaz li dan ma jsirx, il-proceduri ghandhom jigu ddikjarati nulli u bla effett. Minn naha l-ohra l-Avukat Generali jissottometti li n-nullita' tohrog biss mis-sentenza citata u mhux mill-ligi. Jemfasizza li l-proceduri jridu jigu salvati u li anke jekk il-kwerela ma tkunx iffirmata, din ma ggibx in-nullita' tal-proceduri. L-Avukat Generali issottemetti li l-firma hija mehtiega biss biex tigi accertata l-awtenticita' tad-dokument. Jaghmel referenza ghal Att 1 tal-2018 fejn l-legislatur nehha l-piena ta' nullita fejn ikun hemm zball fir-rikors tal-appell u ghalhekk naqqas il-formalita'.

Ikkunsidrat;

Mill-Current Incident Report a fol 13 et sequitur immarkat bhala Dok GZ1 jirrizulta kjarament li tnizzel fost fatti ohra, dak li l-kwerelanti rraportaw u cioe':

---

[26] Deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali fit-12 ta' Frar, 2009 (Appell Kriminali Numru: 275/2008)

*'Rappurtaw il-kwerelanti f'isem il-Kumpanija Go illi gewwa Wied Rini fejn ghandhom stallat it-transmitting equipment tat-televizjoni u mowbajl, u dan il-fond huwa mdawwar kemm b cctv's kif ukoll b'intruder alarm u access control logs ta' kull persuna li tidhol fil-post bhala electritians , securitues etc.*

*Huma rrapurtaw illi nhar id-19 ta' Frar 2016 certu Emanuel Gauci kien gibed l-attenzjoni illi kien hemm plakka mqabbda li qed taghti ghal wire li jghaddi minn gol-ventilatur ta' l-istess fond johrog u jibqa ghaddej sa ma jwassal ghal fond iehor b'isem Sunflower , Wied Rieni Bahrija .*

*Il-kwerelanti stqarru ukoll illi huma jissuspettaw illi xi haddiem mil-kumpanija taghhom stess jew xi security milli jmur kuljum jiccekkja il-post minhabba l-fatt illi ma hemm l-ebda sgass u l-alarm ma kienx attivat. Stqarru ukoll illi wara 26 ta' Frar 2016 l-istess plakka reget giet installata wara li 19 ta' Frar 2016 reget giet mnehhija minghajr ebda kunsens ta' hadd minn naha tal-Go.*

*L-istess kwerelanti ghandhom jipprovdu lil Pulizija l-informazzjoni mehtiega ta' min accessa il-Post, sabiex jigi stabbilit minn accessa il-post bejn id-19 ta' Frar 2016 u 26 ta' Frar 2016. Kif ukoll gibdu ritratti ghal interess taghhom....'*

Din il-Qorti taghmel referenza ghall-ittra elettronika datata t-tnejn (2) ta' Marzu tas-sena elfejn u sittax (2016) li tinsab a fol 38 u mmarkata bhala Dok RV3 mibghuta minn Charmaine Galea Triganza u indirizzata lill-Ispettur Robert Vella fejn fl-ewwel sentenza hemm imnizzel '*Further to our report 7/Q/500/2016 and after analysing the CCTV footage we arrived toa suspect. Hereunder please find the sequence of events...*' In-numru tar-rapport indikat f'din l-ittra elettronika huwa l-istess numru tar-rapport in kwistjoni u cioe' dak a fol 13 *et sequitur* immarkat bhala Dok GZ 1. Ghalhekk jirrizulta li din l-ittra elettronika mibghuta mir-rapprezentant tal-GO plc kienet qieghda taghmel referenza ghar-rapport in kwistjoni.

Ghalkemm din il-Qorti taqbel mal-Avukat Generali li permezz tal-Att 1 tal-2018, il-legislatur ried li jnaqqas il-formalita' u li jigu salvati l-atti meta nehha l-piena ta'

nullita' meta jkun hemm zball fir-rikors tal-appell u cioe' li ma jkunx gie segwit l-artikolu 419 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, din il-Qorti tissottolinea li ma sarux emendi permezz tal-imsemmi Att fuq il-htiega o meno tal-kwerela jew tal-mod ta' kif din ghandha ssir. Nonostante dan, din il-Qorti tissottolinea li minkejja li jirrizulta kjarament li sabiex jitmexxew il-proceduri, kien hemm il-htiega ta' kwerela u li ghalkemm din setghet tkun bil-fomm, kellha titnizzel bil-miktub u kellha tigi ffirmata, il-legislatur ma provdiex ghall-eventwalita' li dan ma jsirx u cioe' jekk dan iwassalx ghan-nullita' tal-proceduri jew jekk dan in-nuqqas jistax jigi sanat;

Din il-Qorti hija tal-fehma li mill-atti minn imkien ma jirrizulta li l-parti leza tilfet l-interess fil-proceduri jew li addirittura rrinunzjat ghalihom. Kuntrarjament ghal dak li jirrizulta mis-sentenza kontra l-persuna li kien qieghed jaghmel uzu minn dan id-dawl, u cioe' s-sentenza fl-ismijiet **<u>'Il-Pulizija (Spettur Robert Vella) vs Alexander Schembri'</u>**[27] esebita a fol 103 et sequitur u immarkata bhal Dok RV6 fejn f'dik is-sentenza tnizzel li l-Qorti '*Semgħet it-trattazzjoni tal-partijiet kif ukoll ix-xhieda ta' Charmaine Galea Triganza għan-nom ta' GO plc li ddikjarat li hija ma kienetx interessata li tipproċedi kontra l-imputat.*'

Charmaine Galea Triganza fil-kariga ta' fraud prevention officer mal-GO plc xehdet kemm il-darba quddiem l-Ewwel Qorti. Fis-seduta tal-ghaxra (10) ta' April tas-sena elfejn u sbatax (2017) xehdet dwar l-investigazzjoni taghha fejn xehdet li '*iddecidejna illi naghmlu rapport l-ghassa tar-Rabat biex indahhlu lil pulizija fl-istorja peress illi iddecidejna li jista' jkun hemm serq ta' dawl.*' L-Ispettur Robert Vella fis-seduta tal-ghaxra (10) ta' April tas-sena elfejn u sbatax (2017) spjega li fid-disgha u ghoxrin (29) ta' Frar tas-sena elfejn u sittax (2016) kienu marru ufficjali tal-GO gewwa l-ghassa tal-pulizija tar-Rabat fejn '*kienu irrapurtaw li matul il-perjodu ta' bejn id-19 u 22 ta' Frar f'zewg okkazzjonijiet kienu innutaw li kien hemm xi wire illi kien hiereg minn go substation li hemm gewwa Wied Rini l-Bahrija u wara li kienu qalghuha ghal darba darbtejn kienu reghu fis-sitta u ghoxrin ta' Frar kienu regghu sabuha ipplaggjata u kienu innutaw li dan il-wire kien qed jibqa sejjer go xi residenza ohra.*' fost dokumenti ohra prezenta ittra elettronika li ntbaghtet lilu minn Charmaine Galea Triganza fejn hija spjegat fatti

[27] Deciza mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali nhar it-18 ta' Jannar, 2017

dwar il-kaz. Il-Qorti ghamlet referenza ghal din l-ittra elettronika datata it-tnejn (2) ta' Marzu tas-sena elfejn u sittax (2016) immarkata bhala Dok RV3 aktar kmieni f'din is-sentenza. Charmaine Galea Triganza regghet xehdet fit-tlieta (3) ta' Lulju tas-sena elfejn u sbatax (2017). Din ix-xhud xehdet ukoll fit-tnejn u ghoxrin (22) ta' Jannar tas-sena elfejn u tmintax (2018) fejn prezentat dokument dettaljat immarkat bhala Dok CGT intitolat '*Chronology of events re Irregularities with Electricity at Wied Rini Tranmission Station*'. F'dan id-dokument senjatament a fol 91 tnizzel li '*WPS145 Graziella Camilleri led the investigations and report 7/Q/500/2016 was filed.*' Fix-xhieda taghha Charmaine Galea Triganza spjegat li '*dan huwa d-dokument illi meta finalment gejna ghamilna r-rapport l-ghassa etc qbadna lura l-emails li kelna u bdejna naraw u bdejna nistaqsu ahna internament bhala internal audit x'kien qed jigri.*' Meta mistoqsija '*issa rigward kontijiet tad-dawl inti taf xi haga ha naghmlu hekk?*' wiegbet '*kontijiet meta ghax dik hija xi haga li staqsejnieha internament ahna peress li rajna l-wire ghaddej u ma' konniex nafu fejn hu sejjer staqsejna minn naha tal-administraton min jiehu hsieb il-kontijiet tad-dawl jekk kienx hemm xi spike fil-kontijiet t'hemmhekk illi fil-fatt ma' kienx hemm. Biss ahna l-concern taghna u anke meta tkellimna ma' min jiehu hsieb il-post u minn naha ta' l-electrical taghna illi ma' konniex nafu x'hemm imwahhal ma' dan il-wire in-naha l-ohra u kieku gara xi haga tipo xi short circuit hemmhekk gol-premises ta' Wied Rieni hemm l-equipment tat-television u tal-mobile li jissuplixxi parti kbira mir-Rabat u l-outskirts tar-Rabat. jigifieri ahna l-concern taghna kienet x'seta' gara. Xi haga li ma' stajniex nikkwontifikawha vera ghax ma' gratx imma ahna l-concern taghna kienet l-potential damage li seta' kien hemm u ghalhekk riedna inkunu nafu fejn kien sejjer u hija xi haga li kelna bzonn l-assistenza taghkom u ma' stajniex naghmluhom wahedna.*' Dan ghalhekk jikkonferma x'kien l-interess tas-socjeta' GO.

Mir-rapport tal-Pulizija a fol 13 immarkat bhala Dok GZ 1 bhala persuni li ghamlu r-rapport tnizzlu Oliver Bonnici, Franco (Francis-Xavier) Pace, Ingrid Azzopardi u Charmaine Galea. Jirrizulta li kemm Oliver Bonnici, Ingrid Azzopardi u anke Charmaine Galea Triganza xehdu quddiem din il-Qorti u li ghalkemm b'mod espress ma kkonfemawx il-kontenut tar-rapport, huma xehdu dwar l-involviment taghhom. Ingrid Azzopardi, internal auditor mal-GO Plc li xehdet fit-tlieta (3) ta' Lulju tas-sena elfejn u sbatax (2017) spjegat li '*Il-wire kien diehel minn go tieqa imsomma u basically*

*hassejna li ghandna ninfurmaw lil pulziija. Cempilna lil pulizija u dawn imbghad gew on site.'*

Dwar ir-rapport, PC 57 Matthew Buhagiar fis-seduta tad-disgha (9) ta' Ottubru tas-sena elfejn u sbatax (2017) xehed li '*waqt id-29 ta' Frar 2006 waqt li kont xogħol ġewwa l-Għassa r-Rabat ġew jirrapurtaw erba' rappreżentanti tal-kumpannija tal-GO fejn fil-quarters li għandhom Wied Rini limits of Baħrija kien ġibdilhom l-attenzjoni ċertu Emanuel Gauci ili kien hemm plakka mqabbda minn ġewwa bil-wajer ħiereġ minn ventilatur u li jagħti għal residenza jew qisha kamra biswit li dik tagħhom..*' Filwaqt li WPS 145 Graziella Zammit fis-seduta tal-ghaxra (10) ta' April tas-sena elfejn u sbatax (2017) spjegat li '*Dan kien id-disgha u ghoxrin ta' Frar tas-sena l-ohra meta gew jirrapurtaw gewwa l-ghassa tal-pulizija r-Rabat rapprezentanti tal-GO fosthom Charmaine Galea, huma kienu stqarru gewwa substation li ghandhom gewwa Wied Rini l-Bahrija kienu sabu xi wires mghoddijien x'aktarx illegalment.*' Meta mistoqsija '*inti dak kollu li qalulek ir-rapprezentnanti tal-GO qieghed imnizzel fir-rapport?*' wiegbet '*Iva, qieghed imnizzel kollu hawnhekk.*' u esebiet ir-rapport. In kontro-ezami kkonfermat li l-ghassa gew rapprezentanti tal-GO certu Charmaine Galea u zewg persuni ohra.

Dwar l-ilment tal-appellant rigwardanti n-nuqqas tal-kwerela, l-Ewwel Qorti kkunsidrat:

'*Illi anke fil-kaz in ezami rapprezentanti tas-socjeta Go plc, wara li ghamlu investigazzjoni interna, marru ghand il-pulizija biex jirraportaw dak li kien gara u marru drabi ohra wara biex jghaddu informazzjoni u provi biex ikunu jistghu jittiehdu proceduri fil-konfront ta'l-imputat. L-istess rapprezentanti tas-socjeta Go xehedu quddiem din il-Qorti.*

*Illi f'dawn ic-cirkostanzi l-Qorti hija sodisfatta li l-kwerela saret u li konsegwentement ma kien hemm l-ebda ostakolu ghal dawn il-proceduri.*'

Din il-Qorti abbazi ta' dak ikkunsidrat taqbel mal-appellant li sabiex titmexxa l-azzjoni, kellu jkun hemm il-kwerela tal-parti leza, li setghet tkun bil-miktub jew fil-fomm u li jekk issir fil-fomm kellha titnizzel bil-kitba u tigi ffirmata mid-denunzjat sakemm ma jkunx jaf jikteb. Din il-Qorti izda gialadarba jirrizulta li mhux biss sar ir-

rapport, izda li dan ir-rapport gie segwit, ossia kemm b'ittri elettronici minn Charmaine Galea Triganza u anke bix-xhieda taghha fosthom anke mid-dokument esebit minnha a fol 90 et sequitur immarkat bhala Dok CGT3 u intitolat '*Chronology of Events re Irregularities with Electricity at Wied Rini Transmission station*' u xhieda ta' impjegati ohra tas-socjeta' GO, fil-fehma ta' din il-Qorti ma jirrizultax li s-socjeta' GO ma riditx tmexxi kontra l-appellant. L-ittra elettronika datata t-tnejn (2) ta' Marzu tas-sena elfejn u sittax (2016) tikkonferma li filfatt kien sar rapport ghan-nom tas-socjeta' GO tant li permezz tal-imsemmija ittra elettronika Charmaine Galea Triganza kienet qieghda tinforma lill-Ispettur li kienu waslu ghal suspettat. F'dik l-ittra elettronika kienet saret referenza ghal filmat fejn spjegat x'rat fil-filmat u identifikaw lil zewg impjegati u cioe l-appellant Edward Polidano u persuna ohra Raymond Custo'.

Ghalhekk gialadarba r-rapport gie segwit b'din l-ittra elettronika li ghalkemm ma fihiex firma ta' Charmaine Galea Triganza, fiha isem u kunjomha u anke l-indirizz elettroniku taghha, hemm konferma li r-rapport li sar bil-fomm mhux biss tnizzel bil-miktub mill-ufficjali tal-Pulizija izda li anke gie segwit fejn ufficjali tal-kumpannija GO provdew aktar informazzjoni li kellhom f'idejhom in segwitu tal-intavolar tar-rapport. Ghalhekk mill-assjem tal-provi, ma hemmx dubju dwar l-awtenticita' tar-rapport maghmul u ghalhekk il-fatt li r-rapport tal-Pulizija ma huwiex iffirmat mill-kwerelanti ma jwassalx ghan-nullita' tal-proceduri. Dan it-tielet (3) aggravju qieghed ghalhekk jigi michud.

Ghal dawn il-mottivi, din il-Qorti qieghda tichad it-tielet (3) aggravju u qieghda tordna l-prosegwiment tas-smiegh tal-appell.

(ft) Consuelo-Pilar Scerri Herrera

Imhallef

VERA KOPJA

Franklin Calleja

Deputat Registratur